**4 ta' Diċembru, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Edgar Amato Gauci

*versus*

Francis Vassallo

**Kolliżjoni — Danni — Responsabiltà — Colpa — Negliġenza — Kontributorjetà — Karozza.**

*Minn, waqt li jsuq karozza, jiġi biex idur għan-naħa l-oħra tat-triq hu obbligat mhux biss li jagħti sinjal adegwat tal-manuvra li sejjer jagħmel imma li jaċċerta ruħu wkoll li t-triq tkun libera. Jekk imbagħad minn ikollu d-dritta, jipprova jgħaddi xorta waħda avolja jkun ittenda bil-manuvra tas-sewwieq l-ieħor tempestivament, ikollu wkoll parti mit-tort.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur premess illi fit-13 ta' Frar, 1963, għal xi nofsinhar ġrat kolliżjoni bejn il-

karozza numru 12551, proprjetà tal-attur u misjuqa minn Francis Psaila, u l-van numru 4099, misjuq mill-konvenut, u premess illi din il-kolliżjoni saret unikament minħabba nuqqas ta' għaqal, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut; premess illi l-attur minħabba din il-kolliżjoni sofra danni ammontanti għal wieħed u erbgħin lira, sbatax-il xelin u sitt soldi (£41.17.6d) bil-karozza tiegħu fuq imsemmija numru 12551; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji mogħtija l-provvedimenti opportuni; talab illi (1) din il-Qorti ssib lill-konvenut responsabbli għall-kolliżjoni fuq imsemmija; (2) din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-soma fuq imsemmija ta' wieħed u erbgħin lira, sbatax-il xelin u sitt soldi (£41.17s.6d), jew somma oħra verjuri li tiġi likwidata, okkerrendo b'opera ta' periti nominandi; (3) din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi hekk likwidata in linea ta' danni, għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta' Mejju, 1962, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet li biha l-konvenut oppona illi, kuntrarjament għal dak li ġie allegat fiċ-ċitazzjoni, il-ħabta saret biss bi ħtija ta' Francis Psaila li kien isuq il-karozza tal-attur u għalhekk l-eċċipjenti għandu jiġi liberat mid-domanda bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut;

Eżaminat l-atti;

Semgħat l-Avukati;

Ikkunsidrat:

Fit-13 ta' Frar 1963 saret kolliżjoni bejn il-karrozza numru 12551 proprjetà tal-attur, misjuqa minn Francis Psaila u l-van numru 4099 misjuqa mill-konvenut, f'Pinto Wharf il-Marsa waqt li l-attur kien sejjer lejn il-Belt u l-konvenut kien se jidħol fil-Milling and Grain Factory fuq il-lemin tiegħu, u l-karozza tal-konvenut anki ħabtet mal-ħajt fuq il-lemin tagħha.

Il-ħsara li sofra l-attur fil-karozza tiegħu hi ta' £41.17.6.

B'digriet tat-22 ta' Ġunju, 1963 din il-Qorti nnominat lil Edgar Felice bħala espert biex jassistiha fis-smigħ tal-provi u jirrelata fuq il-kolliżjoni. B'rapport tat-28 ta' Ġunju 1963 il-perit irrelata illi:

L-attur xehed li waqaf bil-van, niżel, daħal fil-fattorija reġa' ħareġ, rikeb il-van u qabel rikeb ħares biex jara kienx ġej xi ħadd u ma ra lil ħadd. Waqt li hu kien idur biex jidħol fil-fattorija ġiet il-karrozza tal-attur u ħabtet mal-van u mal-ħajt tal-lemin. Hu qal li għamel sinjal b'idu qabel beda jdur u l-karozza tal-attur daritlu f'daqqa fuq il-lemin u għalqitlu t-triq.

P.S. Drago ttestja ż-żewġ vetturi u sab il-brakes ta' dik tal-attur effiċjenti u dawk tal-konvenut mhux effiċjenti billi jorbtu fit-tul ħafna.

Il-perit sab li l-ħsara fil-van kienet tikkonsisti f'żewġ 'dents' żgħar fuq il-ġenb tal-mudguard tal-lemin ta' quddiem, u illi l-van kellu żewġ 'rear vision mirrors', waħda fil-kabina li turi wara minn toqba fid-daħar tal-kabina u l-oħra mwaħħla maċ-ċappetta tal-bieba tal-lemin tal-kabina li kellha sinjali ta' żejt li juru li din ġiet imwaħħla reċentement.

Francis Psaila, li kien isuq il-karozza tal-attur, qal li

kien isuq b'xi 20-25 mil fis-siegħa, ra l-van quddiemu fuq ix-xellug dritt fit-triq u raħ inaqqas li speed. Psaila daqq il-horn biex jaqilgħu, meta ra l-van jikser fuq il-lemin u hu reġa' daqq il-ħorn. Meta ra l-van jikser fuq il-lemin hu l-ewwel għafas il-brake u, meta ra l-van bħal speċi żamm, qaleb fuq is-second gear biex jgħaddi u ħa daqqa, daħal fil-ħajt u baqa' sejjer 'il quddiem mill-van kif hemm fl-isketch magħmul mil-P.S. Buttigieg.

Ġie allegat illi l-karozza tal-attur ħabtet mal-kantuniera tal-fattorija u bid-daqqa reġgħat lura u ħabtet mal-van. Żgur dan ma ġarax għax kieku l-ħabta tal-karozza mal-kantuniera kienet tkun fuq quddiem, li ma kienx hemm, u fuq kollox, il-karozza tal-attur kienet tieqaf mal-van u mhux quddiemu.

Minn naħa l-oħra Psaila qal li hu ġie mbuttat fuq il-ħajt bid-daqqa li tah il-van. Anki dan ma setax ġara għax kieku l-ħsara fuq il-van kienet tkun wisq ikbar.

Il-kolliżjoni timpernja ruħha, għalhekk, fuq il-mod kif tar fuq il-lemin il-konvenut u l-manuvra ta' Psaila.

Il-konvenut qal ħares warajh waqt li kien tiela' fil-van u ma ra xejn u li meta tela' fil-van ħares mill-mera tal-kabina. Din tagħti viżwali risretta ħafna għax l-apertura fid-dahar tal-kabina hi żgħira. Il-viżwali lura mill-van hi t' iżjed minn 100 jarda.

Ma jistax ikun li l-konvenut ħares sewwa warajh qabel beda jaqla' għax żgur kien jara l-karozza ġejja billi l-konvenut kellu dik id-distanza ta' 100 jarda, u ma jistax ikun li l-karozza kienet għadha ma tidhirx u li sakemm il-van laħaq mexa distanza hekk żgħira l-karozza laħqet imxiet dik id-distanza hekk kbira, u dan kien ifisser li sa kemm il-van laħaq mexa ftit iżjed mit-tul tiegħu l-karozza riedet tkun imxiet 10(

jarda. Jekk il-van kien miexi b'5 mili fis-siegħa biss, sa kemm mexa tul 15-il pied, ġiet il-karozza u laħqitu, allura l-karozza kienet miexja 20 darba daqs il-van, i.e. bil-100 mil fis-siegħa, li hu assurd.

Hekk hu evidenti li l-karozza kienet ġa in vista tal-konvenut meta dan beda jikser biex jidħol fuq il-lemin. Ma jfisser xejn il-ħruġ tal-id għax dan ma jintitolax lid-driver li jdur fuq il-lemin. Driver imissu jħares sewwa għat-traffiku sija minn quddiem sija minn warajh u *jidħol* fuq *il-lemin* tiegħu meta t-triq tkun għal kollox libera.

Rigward il-manuvra ta' Psaila hemm minnu stess li hu nduna ċertu ħin li l-van tal-konvenut kien se jikser fuq il-lemin u għalhekk applika l-brakes, però deherlu li l-van kien "bħal speċi ta' żamm" u qaleb fuq is-second, aċċellera u pprova jgħadid minn quddiemu.

Kif diġà rilevat il-ħabta bejn il-vetturi kienet żgħira però t-tkaxkira tal-karozza mal-ħajt kienet ftit qawwija. Din ma ħabtitx mal-ħajt għax imbuttata mill-van, imma bil-forza ċentrifuga tagħha meta ppruvat tisswervja minn quddiem il-van u tiddritta ruħha mill-ġdid għandu jitqies li l-karozza ħalliet brake-marks ta' 33 pied bi brakes tajbin. Il-fatt li l-karrozza kellha marka fuq naħa waħda biss jista' jkun dovut għas-"swerve" li Psaila għamel biex jipprova jiskarta l-van tal-konvenut. Il-brakemark ta' 33 pied juri ċar li l-ispeed tal-karozza kien allura ta' 30 mil fis-siegħa.

Psaila hu evidenti li għall-ewwel kien se jwaqqaf, hu stess qal li kien se japplika l-brakes — però mbagħad deherlu li l-van kien se jerħilu u għalhekk qaleb fuq is-second gear, aċċellera u pprova jgħaddi. Din il-manuvra turi li Psaila kien daħal fid-dubbju u illi hu ma qagħadx għar-regola fondamentali tas-sewqan ***"if in doubt don't"***. *Hu ħa sogru u ppro-*

va jgħaddi.

Għalhekk il-perit ikkonkluda li l-kolliżjoni kienet dovuta għan-nuqqas taż-żewġ drivers — tal-konvenut għax dar fuq li-lemin (f'post fejn wieħed ma kienx jistennih jagħmel dan) bla ma esplora t-triq għat-traffiku li kien ġej minn warajh, u barra minn dan kellu l-brakes mhux effiċjenti, li minħabba fihom ċertament ma setax iwaqqaf meta nduna bil-karozza ġejja; dak ta' Psaila li ma għamilx il-manuvra adatta għaċ-ċirkustanzi. Il-grad ta' responsabilità tal-konvenut però hi akbar minn dik ta' Psaila, i.e. ⅔ tal-konvenut u ⅓ tal-attur.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti taqbel mal-perizja u tadottaha. Kif osserva l-perit, il-ħtija tal-konvenut kienet akbar minn dik ta' Psaila għax ittanta jaqsam it-triq bla ma assigura li kienet libera u bi brakes jorbtu fit-tul, mentri Psaila kien imprudenti li, meta ġie f'dubju jaċċellerax biex jgħaddi, ħa r-riskju li jgħaddi, allavolja kien għaddej għad-dritt.

Għalhekk:

Tilqa' t-talbiet tal-attur fis-sens illi tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli għal żewġ terzi (⅔) mid-danni li sofra l-attur *fil-karozza tiegħu fuq imsemmija mħabba fin-negliġenza* tal-konvenut; tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' **żewġ terzi** (⅔) ta' wieħed u erbgħin lira, sbatax-il xelin u sitt soldi (£41.17.6); u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur ammont ekwivalenti għall-imsemmija somma. L-ispejjeż jitħallsu żewġ terzi (⅔) mill-konvenut u (⅓) mill-attur.